**5 ta' Diċembru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.,**
**A. President;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.;**
**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Abela

*versus*

Antonio Abela ne.

**Ko-Operattivi — Reġistrazzjoni — Art. 50 tal-Ord. XXXIV tal-1946.**

*Id-dispożizzjoni tal-Liġi dwar il-Ko-Operattivi li tgħid illi meta l-interessati ma jaqblux bejniethom, għandhom jinġiebu quddiem ir-Reġistratur tal-Ko-Operattivi, sabiex jaqtagħhom hu, il-kwistjonijiet dwar affarijiet tax-xirka li tkun*

*reġistrata, tapplika biss għal min, u bejn min, ikun jew kien imxierek meta u fiż-żmien li x-xirka ġ'et reġistrata.*

***Bil-fatt li k-operattiva tiġi reġistrata fis-sens tal-imsemmija liġi ma tġix il-konsegwenza illi dik il-ko-operattiva ssir waħda ġdida. Il-konsegwenza ta' dak il-fatt tkun biss li x-xirka tkun "reġistrata"; u ma hemm xejn fil-liġi li jiġġustifika li jingħad li bir-reġistrazzjoni s-soċjetà ssir soċjetà ġdida.***

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti li hu kien jokkupa l-uffiċċju fuq imsemmi ta' President tal-imsemmija Soċjetà Ko-Operattiva mill-20 ta' Marzu 1946 sa Ġunju tas-sena 1947, u għal dan il-fini kien jamministra l-affarijiet tal-istess soċjetà, kif jirriżulta mill-att kostituttiv tal-istess soċjetà, publikat fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit fl-20 ta' Marzu 1946, li estratt tiegħu jinsab unit mal-att taċ-ċitazzjoni u markat dok. "A"; u illi l-attur irriżenja mill-imsemmi uffiċċju fl-20 ta' Ġunju 1947, fil-waqt li hu kkonsenja lis-segretarju u lit-teżorier tal-istess soċjetà il-flus li hu kellu tagħha, għall-ammont ta' £55.6.10, kif jirriżulta mill-irċevuta unita mal-att taċ-ċitazzjoni u markata dok. "B"; u illi l-attur għall-ġestjoni tiegħu, kif jirriżulta mill-istess att kostituttiv (dok. A), jinsab intitolat għal kummissjoni ta' tlieta fil-mija (3%) fuq il-profitti globali tas-soċjetà, iżda b'dan kollu, la s-suċċessuri mmedjati tiegħu, u lanqas il-konvenut, ma fettċew li huma jillikwidaw u jħallsu lill-attur id-dritt tiegħu fuq imsemmi, flimkien mal-ispejjeż li hu seta' għamel tul l-istess ġestjoni, malgrado l-ittra uffiċjali preżentata fir-Reġistru ta' din l-istess Qorti fit-23 ta' April 1951, u li għall-atti tagħha l-attur jagħmel riferenza, u l-ittra bonarja mibgħuta lill-konvenut nomine fit-18 ta' Ottubru 1955 (dok. "C"): talab li jiġi likwidat id-dritt lilu dovut għall-imsemmija ġestjoni, flimkien mal-ispejjeż li hu għamel matul l-istess ġestjoni fl-interess tal-istess soċjetà, per mezz, okkorrendo, ta' periti nominandi; u li l-konvenut jiġi kundannat, fl-imsemmija kwalità tiegħu, li jħallas lill-attur dak l-ammont hekk superjorment likwi-

dat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-imsemmija ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1951;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-imsemmijin kjamati fil-kawża, li ssottomettew illi l-attur qatt ma kien president tal-ko-operattiva minnhom rappreżentata, u kwindi din ma għandha tagħtieh xejn. Kieku l-attur kellu l-kariga li jsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, il-kwistjoni odjerna kellha tiġi sottomessa lir-Reġistratur tal-Ko-operattivi, skond l-art. 50 tal-Ordinanza XXXIV tal-1946 u r-Regolament 74 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 609 tal-1946. U għalhekk talbu li jiġu liberati mid-domandi attriċi; jew, f'każ ta' eżitu ħażin tal-ewwel eċċezzjoni, jiġu liberati "ab observantia". Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' April 1960, li biha rrespinġiet il-fuq imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom u ordnat illi l-ispejjeż tal-inċident dwar il-kjamata fil-kawża tal-konvenuti l-oħra, barra Antonio Abela, jitħallsu mill-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Riferibbilment għall-ewwel eċċezzjoni preliminari talkonvenuti, mill-provi li ġew magħmula jirriżulta dak li sejjer jingħad; jiġifieri:—

Fl-20 ta' Marzu 1946, in atti Paul Pellegrini Petit, il-bdiewa u l-gabillotti fl-istess kuntratt indikati, wara li ddikjaraw li fil-laqgħa li kienet saret bejniethom fl-14 ta' Marzu 1946 kienu ddeċidew li jwaqqfu xirka ko-operattiva għall-bdiewa li joqgħodu, jew li għandhom raba' tagħhom bi kwalsijasi titolu jew bi qbiela, fir-raħal ta' Ħad-Dingli, xirka li tkun regolata, salv dak li ġie espressament stipulat fl-att kostituttiv tal-istess xirka, mid dispożizzjonijiet ġenerali u speċjali tal-liġi regolanti t-twaqqif u t-tmexxija ta' xirkiet ko-operattivi, waqqfu x-xirka ko-operattiva fuq

imsemmija bl-isem "The Had-Dingli Farmers Co-Operative Society, Limited", magħrufa bħala "Hadifa";

Fit-8 ta' Lulju 1946 ħarġet il-liġi li ħasbet għat-twaqqif u tmexxija ta' Xirkiet Ko-Operattivi;

Wara l-ħruġ tal-imsemmija liġi, l-imxierkin tax-xirka fuq imsemmija riedu jirreġistraw dik ix-xirka kif jingħad fil-liġi fuq riferita, iżda l-attur ma riedċ; imma saret seduta fejn ġie deċiż li x-xirka tiġi reġistrata, u saru "regoli" *biex x-xirka tkun tista' tiġi reġistrata; u* l-istess ġiet reġistrata fis-6 ta' Ġunju 1947;

L-attur allura ħalla x-xirka. Difatti, Anġlu Fenech, wieħed mill-imxierkin, xehed...... U Dr. Caruana Curran, li allura kien il-konsulent legali tax-xirka, xehed... L-imsemmi Dottor Caruana Curran xehed ukoll illi ma jidhirlux li kien hemm xoljiment tax-xirka, imma kienet l-istess xirka li ddeċidiet li tirreġistra ruħha, u li hu ċert li sal*mument tar-reġistrazzjoni xirka ġdida ma saretx (fol. 82* tergo); u dan jaqbel ma' dak li jingħad fl-imsemmija "regoli", jiġifieri illi "il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pellegrini Petit tal-20 ta' Marzu 1946 għandu jibqa' validu, in kwantu ma huwiex inkompatibbli ma' dawn ir-regoli" u mal-Ordinanza XXIV tal-1946 u ma' kwalunkwe regolamenti maħruġin taħtha (il-liġi fuq riferita) — fol. 45;

L-attur kien il-president tax-xirka u l-amministratur tagħha (dep. *Antonio* Abela fol.26 u ta' Dr. Caruana Curran fol. 28 u dokument fol. 13 tal-proċess); u meta telaqha, Dr. Caruana Curran ġie nkarigat biex jara l-kotba tagħha u biex, bl-għajnuna tas-segretarju, isir speċi ta' rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja sa dak inhar u f'dik l-okkażjoni l-attur ivversa lix-xirka l-bilanċ ta' £850 u xi rotti lis-segretarju u lill-kaxxier (fol. 82 tergo). Din hi ċirkustanza oħra li flimkien mal-oħrajn turi kemm hu veru dak li xehed Dr. Caruana Curran u dak li ngħad fl-imsemmija "regoli", jiġifieri li ma ġietx xjolta x-xirka u ġiet kostitwita oħra, imma li ġiet reġistrata x-xirka għal finijiet talliġi fuq imsemmija;

L-imsemmi pagament ta' £855.6.10 jirriżulta mir-riċevuta *lilu rlaxxjata mis-segretarju u mit-teżorier tax-xirka* (fol. 13). F'din ir-riċevuta jingħad illi dik is-somma ġiet imħallsa lix-xirka — erbatax il-ġurnata wara li ġiet reġistrata (fol. 13 u fol. 45) — ċirkustanza oħra li mal-oħrajn turi li x-xirka baqgħet l-istess waħda fuq bażi tal-"balance sheet" provviżorja li għamel il-konsulent legali tal-għaqda, Dr. M. Caruana Curran, u skond l-iskrittura li kienet ġa saret bejn l-imsemmi avukat in rappreżentanza tal-għaqda u l-istess Giuseppe Abela, u li għalhekk dan il-pagament sar mingħajr preġudizzju tad-drittijiet reċiproċi tal-għaqda u ta' Giuseppe Abela, li setgħu jirriżultaw mill-eventwali verifika tal-kontijiet;

X'kienu d-drittijiet li kien jippretendi Giuseppe Abela (l-attur) jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Caruana Curran, li qal li kellhom jibqgħu impreġudikati d-drittijiet li kien jippretendi l-attur għal ċerta perċentwali bħala kumpens tal-amministrazzjoni; li fuqhom, fl-okkażjoni meta sar li-"speċi ta' rendikont" fuq imsemmi, ma ttieħdet ebda deċiżjoni. *L-iskrittura li ssemmiet fir-riċevuta* hija dik li skond Dr. Caruana Curran ġabret dak li fuqu hu xehed (fol. 82 tergo);

L-imsemmija perċentwali hi dik li l-attur qiegħed jitlob f'din il-kawża; li kwindi saret sewwa kontra x-xirka. Għaliex, skond dak li ntqal, l-attur kien il-president tal-istess xirka (qabel ma ġiet reġistrata); li' din kien ammi-nistra (qabel ma ġiet reġistrata); u lil din ta kont ta' dik l-amministrazzjoni u kkonsenja l-bilanċ attiv riżultanti favur tagħha (*meta ġiet reġistrata*);

L-eċċezzjoni l-oħra li ġiet sollevata hi dik li, allura, il-kwistjoni odjerna kellha l-ewwelnett tiġi sottomessa lir-Reġistratur tal-Ko-Operattivi skond l-art. 50 tal-Ordinanza ġa fuq riferita;

Skond din il-liġi, għandhom jiġu mqegħdin quddiem ir-Reġistratur, sabiex jaqtagħhom huwa, dawk il-kwistjo-nijiet dwar affarijiet tax-xirka reġistrata, jekk dwarhom ma jaqblux, (a) l-imxierkin, imxierkin ta' qabel, u nies *li*

jinqdew b'jedd ta' mxierka, (b) jew imxierkin, imxierak ta' qabel, jew bniedem li jinqeda b'jedd ta' mxierek, jew imxierek mejjet, u x-xirka, il-kumitat tagħha jew funzjonarju tax-xirka, (ċ) jew ix-xirka, jew il-kumitat tagħha, u xi funzjonarju tax-xirka, (d) jew bejn ix-xirka u xi xirka oħra miktuba;

L-attur ma baqgħax membru tax-xirka meta din ġiet reġistrata, u għalhekk la hu mxierek tal-istess xirka reġistrata, u lanqas imxierek ta' qabel tax-xirka reġistrata. Hu kien imxierek tal-istess xirka "qabel" ma ġiet reġistrata, u ma baqgħax u ma kienx imxierek fl-ebda mument meta u wara li x-xirka ġiet reġistrata; u għalhekk l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi ma tapplikax għalieh, billi evidentement, kif jidher mhux biss mill-kontest, imma mill-kliem ċar li tuża l-istess liġi, dik id-dispożizzjoni tapplika għal min, u bejn min, ikun jew kien imxierek meta u fiż-żmien li x-xirka tkun reġistrata. Din id-dispożizzjoni hi eċċezzjoni; u mhux eċċezzjoni li, fil-waqt li tidderoga għar-regola, hi applikazzjoni ta' regola oħra tad-Dritt, f'liema każ il-volontà tal-leġislatur ma tkunx dik li tillimita d-dispożizzjoni eċċezzjonali għall-każ prevedut, imma pjuttost li tagħti eżempju; u allura hi ta' dritt strett, ta' interpretazzjoni rigoruża, li per konsegwenza ma tistgħax tiġi estiża mill-każ indikat mill-leġislatur għal ieħor minnu mhux imsemmi;

Rat fol. 150 in-nota tal-appell tal-konvenuti nomine, u fol. 151 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza appellata tiġi riformata, fis-sens li tiġi konfermata fejn akkol'at lill-attur l-ispejjeż tal-kjamata in kawża minnha ordnata, u tiġi revokata għall-kumplament; billi konsegwentement jiġu akkolti l-eċċezzjonijiet sollevati mill-esponenti nomine, u dawn jiġu liberati mid-domandi attriċi; jew "ab observantia", skond il-każ; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjonijiet, li fuqhom sar l-appell, huma tnejn: Waħda, li l-attur qatt ma kien president tal-ko-operattiva rappreżentata mill-konvenut u l-kjamati in kawża, għaliex din hi ko-operattiva li ma għandhiex x'taqsam mal-ko-operattiva li tagħha kien president l-attur; u l-oħra, li, anki kieku l-attur kellu l-kariga ta' president tal-ko-operattiva rappreżentata minnhom (fil-każ li jiġi ġudikat li din hi l-istess bħal dik ta' qabel), allura, skond il-liġi, il-kwistjoni odjerna kellha tiġi sottomessa lir-Reġistratur tal-Ko-Operattivi;

Ikkunsidrat, fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li dwarha waslet l-Ewwel Onorabbli Qorti. Il-fatt li ko-operattiva tiġi reġistrata għas-sens tal-Ordinanza XXXIV tal-1946 ma jġibx għall-konsegwenza li dik il-ko-operattiva ssir waħda ġdida. Il-konsegwenza hi biss dik li tkun "reġistrata", kif aġevolment jista' jiġi deżunt mill-liġi in materja, "passim" (ara, fost oħrajn, art. 2(2), para. 1; art. 4, art. 7). Ir-reġistrazzjoni ġġib magħha fakoltajiet, *drittijiet u obligi speċjali*; u barra minn hekk, sabiex tiġi ottenuta r-reġistrazzjoni, jistgħu jkunu neċessarji modifikazzjonijiet u/jew kjarifikazzjonijiet fl-istatut tas-soċjetà; imma xejn ma hemm fil-liġi li jiġġustifika li jingħad li bir-reġistrazzjoni s-soċjetà ssir soċjetà ġdida;

Il-fattur tar-reġistrazzjoni, għalhekk, ma jajjutax it-teżi sostnuta mill-appellanti. Kwantu għall-fatturi l-oħra, fil-fehma ta' din il-Qorti, hemm fuq kollox tnejn li jimmilitaw potentement kontra dik it-teżi. Wieħed hu dan. Meta ntalbet ir-reġistrazzjoni u ġew sottomessi r-regolamenti għall-finijiet tar-reġistrazzjoni, ingħad fihom (fol. 45):— "Il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pellegrini Petit tal-20 ta' Marzu 1946 għandu jibqa' validu, in kwantu mhuwiex inkompatibbli ma' dawn ir-regoli u mal-Ordinanza XXXIV tal-1946 u ma' kwalunkwe regolamenti maħruġin taħtha fal-31 ta' Marzu 1948". Issa, il-kuntratt riferit fl-estratt fuq riportat huwa appuntu dak li bih ġiet kostitwita in oriġini l-ko-operattiva, li tagħha kien l-ewwel president l-attur (ara kopja fol. 5). Hu azzardat li jiġi argumentat

li l-ko-operattiva reġistrata kienet diversa minn dik li tagħha kien president l-attur, meta fir-regolamenti fuq imsemmija *kien qiegħed jiġi riaffermat appuntu l-kuntratt* kostituttiv tal-ko-operattiva fil-bidu tagħha. Kien naturali li f'dak l-estratt issir riżerva; għaliex, sabiex tiġi ottenuta r-reġistrazzjoni, kien jeħtieġ li jkun hemm xi kambjamenti ta' dettalji, u kien jeħtieġ li ma jkunx hemm xejn li jikkozza mal-liġi l-ġdida u r-regolamenti emanati taħtha. Imma r-riferenza "en bloc" għall-att notarili ta' qabel hi wisq sinifikattiva biex tista' tiġi altrimenti spjegata ħlief billi jingħad li l-intenzjoni kienet li l-ko-operattiva reġistranda tkun dik li kienet diġà teżisti;

Il-fattur l-ieħor hu dan. Fl-ewwel regolament talistatut sottomess għar-reġistrazzjoni hemm li l-isem talko-operattiva huwa "Ħad-Dingli Farmers Co-operative Society (Hadifa) Limited" fol. 41). Issa, preċiżament fl-att tan-Nutar Pellegrini Petit fol. 7 jingħad li l-isem tal-kooperattiva ikun "The Ħad-Dingli Farmers Co-operative Society, Limited", li tkun, għall-qosor, magħrufa bl-isem "Hadifa". Hu kważi inkonċepibbli li min irid iwaqqaf kooperattiva ġdida *jagħtiha isem* identiku, tant dak proprju kemm ukoll dak abbrevjat;

Minbarra dawn iż-żewġ fatturi, hemm ċirkustanzi oħra li jkomplu jirribadixxu l-assunt tal-attur u jinfiċjaw dak tal-appellanti. Fl-irċevuta dok. "B", fol. 13, infatti, formata mill-konsulent legali tal-appellanti (ara xhieda Dr. Caruana Curran fol. 82 tergo), jingħad hekk:— "Aħna hawn taħt iffirmati, John Ebejer u Anġlu Fenech, fil-kwalità rispettiva tagħna ta' segretarju u kaxxier tal-"Ħad-Dingli Farmers *Co-operative Society, Limited", niddikjaraw* li nirċievu l-lum minn għand Giuseppe Abela, ġa president tal-imsemmija għaqda......" Id-data ta' dan id-dokument hi tal-akbar importanza, dik ċjoè tal-20 ta' Ġunju 1947, wara li l-ko-operattiva kienet diġà ġiet reġistrata fis-6 ta' Ġunju 1947 (fol. 45); għaliex dan juri li sa wara r-reġistrazzjoni l-attur kien qed jiġi rikonoxxut minn żewġ uffiċjali tal-ko-operattiva bħala president tal-imsemmija għaqda, jiġifieri ta' dik li tagħha huma kienu rispettivament segretarju u kaxxier, vwoldieri ta' dik li kienet re-

*ġistrata, u li l-ħum hi konvenuta mill-attur għas-soddisfaċiment* tal-kreditu tiegħu;

Ċirkustanza oħra hi din. L-avukat Caruana Curran, li kien il-konsulent legali tal-ko-operattiva fiż-żmien rilevanti, qal hekk — naturalment in bażi għall-fatti kif żvolġew ruħhom a konoxxenza tiegħu, u kif minnu evalwati fiż-żmien opportun — fol. 82 tergo:— "Ma jidhirlix li kien hemm xoljiment tas-soċjetà, imma kienet l-istess Soċjetà li ddeċidiet tirreġistra". Hu veru li, immedjatament wara dan ix-xhud qiesu kkwalifika din *id-dikjarazzjoni*; imma hu faċli li wieħed jifhem li hu għamel hekk per ċerta delikatezza, minħabba li ħass li meta qal hekk, kien qiesu qed jiddeċidi l-kwistjoni li kienet devoluta lill-Qorti, iżda hu ċar, anki mill-kumpless tax-xhieda tiegħu, li l-intenzjoni ma kienetx li tiġi mwaqqfa ko-operattiva ġdida;

Hemm anki l-evoluzzjoni tal-fatti, li sservi biex tillumina l-aspett tal-kwistjoni. Fit-8 ta' Lulju 1946 ġiet promulgata *l-liġi dwar il-ko-operattivi*, u fiha, "inter alia", kien hemm dispost (art. 3) li l-ko-operattivi allura eżistenti ma setgħux ikomplu jiġu attivati (ħlief bil-permess tar-Reġistratur) jekk ma jkunux reġistrati, u dan taħt il-komminatorja ta' proċedura kriminali. Kien għalhekk li l-membri ta' din il-ko-operattiva li hemm kwistjoni fuqha, u li kienet twaqqfet appena erbgħa xhur qabel ma ħarġet il-liġi, ħassew in-neċessità li jirreġistrawha. Anzi aktarx li kellhom dan il-ħsieb qabel; għaliex ġa fl-isem tas-soċjetà tagħhom kien hemm (qabel ma ħarġet il-liġi) il-kelma "ko-operattiva" u *l-kelma "limited", kif irid* is-subartikolu 5 tal-liġi in materja. L-attur, għal xi raġunijiet tiegħu, kien oppost għar-reġistrazzjoni, iżda din saret bil-volontà tal-maġġuranza, u ma setgħetx ma ssirx, għax l-alternattiva kienet jew iċ-ċessazzjoni tal-ko-operattiva jew l-inkorriment tas-sanzjonijiet penali. Il-membri għażlu r-reġistrazzjoni. Dan il-kumpless ta' fatti juri li l-iskop kien dak li l-kooperattiva tiġi reġistrata, biex jiġu evitati ċ-ċessazzjoni jew il-proċedura kriminali, u mhux li tiġi terminata u kreata waħda ġdida;

Dan hu oltremodo ċar meta wieħed jeżamina l-minuti

tas-seduta ġenerali tal-25 ta' Mejju 1947. F'dik is-seduta, fejn qam *l-inċident tad-dimissjoni tal-attur*, u li fiha attenda l-Avukat Caruana Curran, preżumibbilment stante x-xorta tal-aġenda, ġiet deċiża r-reġistrazzjoni tal-ko-operattiva mingħajr ma hemm ebda kelma fil-minuti li tista', b'xi mod, turi li l-intenzjoni kienet li tiġi kostitwita ko-operattiva ġdida (ara reġistru eżibit skond il-verbal fol. 75 tal-proċess);

Kontra dan il-kumulu impressjonanti ta' provi kuntrarji għat-teżi tal-appellanti ma jiswewx iċ-ċirkustanzi minnhom addotti biex isostnu dik *it*-teżi;

Il-fatt li saret "Balance Sheet" ma hux indikattiv ta' terminazzjoni tal-ko-operativa biex titwaqqaf waħda ġdida; għaliex fil-minuti tas-seduta li ssemmiet hemm hekk: "Dr. Caruana Curran jispjega lill-preżenti li, peress li l-president kien sejjer jiddimetti, kien hemm bżonn li ssir "Balance Sheet" bir-reqqa, ħalli l-imxierkin ikunu jafu l-pożizzjoni finanzjarja tal-għaqda, u l-president dimissjonarju jillikwida l-pendenzi tiegħu mal-għaqda". Mela, il-"balance sheet" saret sabiex tista' tiġi fiż-żmien opportun aċċertata l-pożizzjoni finanzjarja tal-għaqda; liema aċċertament kien neċessarju sabiex tiġi likwidata l-kummissjoni, kalkulabbli, skond l-att fol. 11 tergo, fuq il-pożizzjoni globali, u riżervata għall-president ir-rimunerazzjoni tal-ġestjoni tiegħu;

Iċ-ċirkustanza li fis-seduta ġenerali tat-8 ta' Ġunju 1947 (meta l-ko-operattiva kienet ġa reġistrata) inqraw u ġew approvati l-minuti ta' seduta ta' qabel (meta l-ko-operattiva ma kienetx reġistrata) juri wkoll l-intenzjoni tal-"kontinwità"; għax f'każ ta' ko-operattiva ġdida ma jinqrawx il-minuti ta' ko-operattiva diversa. Is-seduti tkomplew isiru bħal qabel, kif juri r-reġistru eżibit, mingħajr ma hemm xejn li jsemmi l-kreazzjoni ta' ko-operattiva ġdida;

Lanqas jiswa, għat-teżi appoġġjata mill-appellanti, il-fatt li fil-Balance Sheet preżentata lir-Reġistratur tal-Ko-operattivi (ara xhieda ta' *Carmelo Said fol.* 55 u d-doku-

menti minnu preżentati) il-kont ma jinbediex bil-"balance sheet" riportat ("carried forward") tal-operazzjonijiet preċedenti. Dan hu spjegabbli. Apparti li għall-finijiet tar-reġistrazzjoni kien talvolta aktar konvenjenti li l-kontijiet jinbdew "ex novo", hu ċert li fiż-żmien tar-reġistrazzjoni, u sa żmien wara, il-bilanċ preċedenti, u li kien ikun riportabbli fil-"balance sheet" sottomessa lir-Reġistratur, kien għadu kwistjonabbli, tant li sew dawk li rċevewh kemm l-attur li ħallsu, żammew impreġudikati d-drittijiet tagħhom u rriżervaw il-verifika ulterjuri tal-kontijiet, kif hemm espressament dikjarat fid-dokument fol. 13. Kieku dak il-bilanċ inġieb fil-"balance sheet", allura kien ikun approvat definittivament — dak li l-interessati ma riedux;

Issemmiet anki, fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, iċ-ċirkustanza li l-iskopijiet indikati fir-regolamenti sottoposti lir-Reġistratur, fol. 41, huma aktar speċifiċi u dettaljati minn dak enunċjat fil-kuntratt in atti Nutar Pellegrini Petit fol. 7 tergo. Il-verità hija li għall-finijiet tar-reġistrazzjoni (ara art. 46(3) u 7 tal-liġi) kienet miżura prudenti li jiġu aktar dettaljati l-attivitajiet tal-ko-operattiva reġistranda; imma l-iskop dominanti kien, u baqa' dejjem, dak indikat fl-att notaril, ċjoè ta' ko-operattiva agrikola, ossija, kif anki tissejjaħ, rurali. L-operazzjonijiet dettaljati jidħlu taħt l-attività ġenerika tal-industrija tal-biedja;

Ġew imsemmija wkoll, fid-dibattitu quddiem din il-Qorti, iż-żewġ punti tal-versjoni ta' kapitali oħra u tar-reċess ta' xi soċi. Dawn il-punti jistgħu jkunu konnessi man-natura ta' din il-ko-operattiva. Hu ammess li ko-operattiva tista' tkun soċjetà "sui generis" (in forma patrijarkali) — ara "Giurisprudenza sul Codice di Commercio", Navarrini u Vidari, art. 219, para. 26 u 27;

Iżda, jekk il-ko-operattivi jassumu l-karattri ta' xi waħda mis-soċjetajiet rikonoxxuti mill-liġi, allura, "servatis servandis", ikunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dik is-soċjetà partikulari li tagħha jassumu l-forma (ibidem, para. 29); u peress li ġeneralment ikunu taħt forma tal-anonima, għalhekk xi leġislazzjonijiet bħal dik ta'ljana, wara li enunċjaw (art. 219) il-prinċipju fuq imsem-

mi, però assoġġettaw il-ko-operattivi, fi kwalunkwe każ, u *kwantu għal ċerti obligi, għad-dispożizzjonijiet dwar is*-soċjetà anomina (art. 221). Il-liġi tagħna, kif jidher mid-diversi dispożizzjonijiet tagħha, ikkontemplat tant il-ko-operattivi b'responsabbiltà limitata, kemm dawk b'responsabbiltà illimitata (art. 4, 14(2), 25, 35, eċċ.). Hu sewwa, għalhekk, li jiġi ġudikat dwar ta' liema xorta hi ko-operattiva mill-eżami tal-karattri li hija tassumi in relazzjoni mas-soċjetajiet rikonoxxuti;

F'dan il-każ, il-fatt tal-emissjoni ta' azzjonijiet, dak tal-kelma "limited", dak tat-twaqqif ta' *Bord ta' Diretturi*, u fattezzi oħra li jirriżultaw mill-att notarili fol. 5, juru li din il-ko-operattiva kienet a bażi tal-anonima (ara wkoll art. 5(5) tal-Ordinanza). Issa, il-varjabbilità tal-kapitali u r-reċess tas-soċi huma elementi li jivverifikaw ruħhom fil-ko-operattivi fil-forma tal-anomina (ara Bolaffio e Vivante, Cod. Comm. comm., Vol. IV, Della Società, paġ. 604, 631 u 632), bla ma b'daqshekk tiġi kreata ko-operattiva ġdida;

Lanqas jista' jingħad li, meta għalaq it-terminu ta' sena stabbilit fl-att notarili fuq imsemmi, il-ko-operattiva spiċċat; għaliex fil-fatt il-provi kollha juru li baqgħet miexja. Veru hu li, jekk huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-anonima allura, għall-kontinwazzjoni oltre t-terminu stabbilit, jeħtieġu ċerti formalitajiet (art. 161 Kap. 17 Ediz. Riv.), imma l-konsegwenza ta' ommissjoni simili mhijiex li tispiċċa l-ko-operattiva, imma, se maj, dik tal-estensjoni tar-responsabbiltà tal-amministraturi di fronti għat-terzi (art. 162 idem);

Għalhekk din il-Qorti hi ta' opinjoni li l-ko-operattiva baqgħet l-istess;

Ikkunsidrat, kwantu għat-tieni eċċezzjoni, ċjoè li din il-kwistjoni kien imissha ġiet devoluta lir-Reġistratur tal-Ko-Operattivi;

L-eċċezzjoni ġiet imperrnjata fuq l-art. 50 tal-Ordinanza *fuq imsemmija. Iżda, kif opportunament osservat* l-

Ewwel Qorti, l-attur ma hux "past member" tal-ko-operattiva reġistrata, għaliex hu kien membru meta l-ko-operattiva ma kienetx reġistrata, u ddimetta qabel ma ġiet reġistrata, kif juru l-minuti tas-seduti. Għalhekk, hu ma jistgħax jissoġġjaċi għal dispożizzjonijiet li ma kienux jeżistu fiż-żmien li hu kien president u li fih oriġina t-titolu tal-azzjoni tiegħu. Din id-dispożizzjoni ma tistgħax ikollha effett retroattiv in bażi għall-massima "lex non habet oculos retro". Tikkolpixxi "past members"; imma tal-kooperattivi reġistrati;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tal-kjamati in kawża, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom, meno dawk diversament provvduti fis-sentenza appellata;

U tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni.

**Tmiem tat-Tieni Sezzjoni**
**tal-Ewwel Parti**
**tal-Volum XLIV**